15 ta' Ġunju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Onorevoli Wenzu Debrincat, M.L.A.

*versus*

Onorevoli Dr. Carmelo Caruana, B.A., LL.D., M.L.A.

## Inġurja bl-Istampa

*Il-prinċipji li għandhom jirregolaw il-materja ta' inġurja bl-istampa huma, maġġjorment, tnejn:— Wieħed, dak li l-artikolu nkriminat għandu jitqies fl-interezza tiegħu, sabiex, konfrontata parti mal-oħra, jiġi skrutat il-veru konċett dominanti tal-artikolu kollu; u l-ieħor, illi l-ġudikant għandu jara x'inhu dak li jifhem raġjonevolment bl-artikolu l-qarrej ta' intelliġenza ordinarja.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali ta' Malta kontra l-Onorevoli Dottor Carmelo Caruana, B.A., LL.D., M.L.A., u Anthony Micallef, maħruġa fuq il-kwerela tal-Onorevoli Wenzu Debrincat, M.L.A., talli l-Ħamrun u bnadijiet oħra l-kwerelat Dr. Carmelo Caruana bħala editur, u l-kwerelat l-ieħor Anthony Micallef bħala stampatur tal-gazzetta "Malta Tagħna", fil-ħarġa tat-2 ta' Frar 1957, fl-artikolu li jismu "Il-Poplu għandu jkun jaf", stampat fir-raba' paġina, inġurjaw lill-kwerelanti gravement;

*Omissis;*

Rat id-digriet tal-istess jum, fejn dik il-Qorti ddikjarat il-proċediment kontra l-kwerelat Anthony Micallef eżawrit, bl-ispejjeż kontra l-istess kwerelat;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' April 1957, li biha dik il-Qorti, wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-kwerelat Onor. Dr. Carmelo Caruana, sabet lill-istess kwerelat ħati skond l-imputazzjoni kontenuta fiċ-ċitazzjoni, u kkundannatu għall-multa ta' £8; u ordnat li l-ispejjeż, barra dawk li qabel ġew deċiżi, jitħallsu mill-istess kwerelat; u wara li rat it-talba tal-kwerelant għall-kundanna tal-kwerelat għall-publikazzjoni tas-sentenza fit-termini tal-liġi, ordnat lill-kwerelat sabiex f'ħarġa ta' wara tal-ġurnal "Malta Tagħna", u mhux iżjed tard mit-tieni waħda wara s-sentenza, jippublika, skond id-dispożizzjonijiet tal-art. 23 Kap. 117, is-sentenza jew sunt komprensiv tagħha;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u *talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt*;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Tnejn huma, maġġjorment, il-prinċipji li għandhom jirregolaw dan il-każ; wieħed, dak li l-artikolu għandu jitqies fl-interezza tiegħu, sabiex, konfrontata parti ma' oħra, *jiġi skrutat il-veru konċett dominanti tal-artikolu kollu;* u l-ieħor, illi l-ġudikant għandu jara x'inhu dak li jifhem raġjonevolment bl-artikolu l-qarrej ta' intelliġenza ordinarja;

Dwar l-ewwel prinċipju, ingħad korrettament illi "The words must be construed as a whole"; u illi "It is necessary to take into consideration not only the actual words used, but the context of the worrds" (ara deċiżjonijiet riportati fin-nota fil-Gatley, Libel and Slander, p. 123). Ma hux leċitu

"to isolate certain passages" (ara Button. Libel and Slander, p. 56). U fil-ġurisprudenza taljana ngħad:— "Per giudicare del carattere criminoso di un articolo non basta esaminare il senso apparente delle parole, ma occorre indagarne lo spirito, e, mettendo a confronto le diverse frasi tra di loro, scrutarne il vero concetto dominante" (Gpza. Pen., T. 19, 109);

Dwar it-tieni prinċipju, jgħid l-Odgers (Libel and Slander, p. 93):— "The question, therefore, is always: How were the words understood by those to whom they were originally published? We must assume that they were persons of ordinary intelligence. We must assume, too, that they gave to ordinary words their ordinary meaning, to local phrases their local...... meaning. That being done, what meaning did the whole passage convey to an unbiassed mind?" (ara, fl-istess sens, Ball, The Law of Libel and Slander, p. 5; Fraser, The Law of Libel and Slander, p. 10; Hickson and Carter-Rush, The Law of Libel and Slander, p. 29);

Issa, fl-artikolu nkriminat, intestat "Il-poplu għandu jkun jaf", l-artikolista beda biex jgħid li l-lum kullħadd jaf li l-Partit tal-Labour, immexxi mill-Perit Mintoff, ma għadux partit, iżda sar klikka, u klikka żgħira ta' nies sangisugi tal-ħaddiema maltin; mbgħad kompla fl-istess ton, u spiċċa biex semma nominatament lill-kwerelant bil-kliem:— "Nieħdu gost naraw min jiffjorixxi. Nieħdu gost naraw lill-Onorevoli Wenzu Debrincat "tax-Xelina" tal-Partit ta' Mintoff xtara karrozza ġdida li tiswa l-fuq minn £730, u jingħad li xtara wkoll mezzanin f'Marsalforn...... Dan wara xi sena u nofs li ilu fil-Parlament ma' Mintoff fil-Gvern!" U kompla jgħid ukoll:— "Smajna li f'Għawdex ukoll il-ħaddiema tal-Gvern waħħlilhom il-biċċa ma drigħhom bl-ittri P.W.D. Hemm minn dawn it-tliet ittri jfissirhom "Pappa Wenzu Debrincat";

Ma jidherx li jista' jkun hemm dubju li s-sens tal-artikolu, għal dak li jirrigwarda lill-kwerelant, hu li anki l-kwerelant sar sinjur minn fuq spallejn il-ħaddiem u li hu sangisug tal-ħaddiem — espressjoni li evidentement hija ngurjuża, partikularment għal rappreżentant tal-poplu li hu membru tal-Partit tal-Ħaddiema, u li għalhekk hu mistenni li jiffavorixxi, u mhux jisfrutta għav-vantaġġ tiegħu personali, l-interessi tal-ħaddiema;

Id-difiża stakkat il-paragrafi ta' qabel biex tgħid li dawn huma ġeneralitajiet li ma jaffettawx lill-kwerelant, u mbgħad ħarset iżolatament lejn il-paragrafi li jsemmu "nominatim" lill-kwerelant biex tgħid li ma fiha xejn li wieħed jgħid li persuna qegħedha aħjar finanzjarjament mindu qegħedha fil-Parlament mal-Perit Mintoff. Iżda, kif ingħad fuq, l-artikolu għandu jiġi eżaminat fl-interezza tiegħu; u hekk rigwardat, hu ċar li appuntu l-artikolista ppremetta dawk il-ġeneralitajiet dwar li il-Partit tal-Labour sar klikka ta' sangisugi tal-ħaddiema sabiex mbgħad il-kliem dwar il-kwerelant jieħdu, kif fil-fatt ħadu, il-"kulur" tagħhom minnhom; u b'ebda mod ieħor ma seta' fehemhom il-qarrej spreġudikat, ta' intelliġenza ordinarja;

Għandu jingħad li l-kwerelat ma nsistiex f'din l-istanza fuq l-eċċezzjoni tiegħu tal-verità tal-fatti;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, kompriż l-ordni tal-publikazzjoni; bl-ispejjeż kontra l-kwerelat appellant. Onorarju tad-difensuri 12s. għas-seduta tal-ewwel ta' Ġunju 1957, u 10s. għal dik tal-lum.

---